**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 2 ta' Lulju, 2002**

**Numru 14**

**Avviz numru 1152/02JR**

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Graziella Debono**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-2 ta' Mejju, 2002, fejn intalab il-hlas ta' disa' mija u erbgha u sittin lira Maltija (Lm964.00), rapprezentanti import ta' disa' (9) kambjali, wahda ta' mitt lira (Lm100.00), tmienja (8) ta' kollha ta' mija u tmien liri (Lm108.00) il–wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu 2001 sa April 2002**

**rispettivament u mhux imhallsa, hawn annessi bhala dokumenti numri 1 sa 9 konsekuttivament u inklusivament;**

**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 t'April, 2002, jammontaw ghal erbgha u tletin lira Maltija (Lm34.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar, 2002, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma dehritx u lanqas ma pprezentat risposta.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Neville Camilleri ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont bilancjali ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba kif ridotta tinsab soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija u erbgha u sittin lira Maltija (Lm964.00), bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-26 t'April, 2002, jammontaw ghal erbgha u tletin lira Maltija (Lm34.00), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Frar, 2002, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**